Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 354 / 2018

Il-Pulizija

Spettur Priscilla Caruana Lee

Spettur Alfredo Mangion

Vs

Genoveva Stoilova Neli Ilieva
Iliyana Ilieva

Illum 8 ta' Novembru 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Genoveva Stoilova Neli Ilieva** detentrici tal-karta tal-identita Bulgara 64675794 u **Iliyana Ilieva** detentrici tal-karta tal-identita Bulgara 644804117, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-21 ta' Gunju 2018 ghall-habta tas-14:30hrs minn gewwa l-hanut Pull and Bear, il-Belt Valletta:

Ikkommettew serq ta' kartiera bi flus kontanti, diversi dokumenti u credit card mahruga mill-bank Barcley ghad-detriment ta' Sharon Bourne u/jew persuni ohra

liema serq huwa kkwalifikat bhala serq semplici u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-23 t' Awwissu, 2018, fejn il-Qorti sabet lill-imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u wara li rat artikolu 284 u 285 tal-Kap 9 ikkundannathom ghal piena ta' erba' (4) xhur prigunerija effettiva kull wahda.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Iliyana Kirilova Ilieva u Genoveva Stoilova, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-10 ta' Settembru, 2018, fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

1. Tħassar, tikkanċella u tirrevoka is-sentenza appellata fl-ismijiet hawn premessi, li sabet lill-imputati appellanti Iliyana Kirilova Ilyeva u Genoveva Stoilova ħtaja tal-imputazzjonijiet kif dedotta kontrihom u kkundannathom għal żmien ta' erba' (4) xhur priġunerija kull waħda; u konsegwentement

2. Tilqa' l-Ewwel, it-Tieni, t-Tielet u/jew r-Raba' Aggravji stante li l-prosekuzzjoni ma laħqitx il-grad ta' prova rikjesta mill-liġi u ċjoe` il-konvinċiment oltre id-dubbju dettata mir-raġuni u/jew stante li ir-reat kif addebitat lill-appellanti ma ġiex suffiċjentement ippruvat, u dan għar-raġunijiet premessi fl-Aggravji imsemmija u kif ukoll għal dawk il-motivazzjonijiet l-oħra kollha kontenuti fir-rikors tal-appell u għalhekk Tgħaddi sabiex tillibera lill-imputati minn kull ħtija u imputazzjoni skond il-liġi; jew alternativament

3. Tilqa l-Ħames Aggravju, billi tikkonferma is-sentenza appellata fil-parti li sabet lill-imputati ħatja u tirriformaha billi filwaqt li tirrevokaha fil-parti fejn erogata piena ta' erba' (4) xhur priġunerija skond l-Art. 284, teroga il-piena kontemplata taħt l-proviso tal-Art. 285 u tagħti piena karċerarja fil-minimu tagħha ta' xahrejn, liema piena tiġi sospiża għal żmien sena, skond l-Art. 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għat-Tieni Talba, fin-nuqqas li tintlaqa' it-Tieni talba tal-appellanti, tordna li l-appellanti ikomplu jiskontaw il-bqija tas-sentenza tagħhom ġewwa l-Isptar Mater Dei għal kura pre-natali tagħhom u dana kif sanċiti skond **Reg. 38(1) tal-A.L. 118 tal-1995** *kif emendat* (**L.S. 206.03 – Regolamenti tal-Ħabs**) u dana peress li jinsabu viċin id-data ta' ħlas tagħhom;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi, għaldaqstant l-appellanti ħassewhom ferm aggravati mis-sentenza apppellata u għaldaqstant qegħdin issa, permezz tal-preżenti, jinterponu dan l-umli appell.

**L-EWWEL AGGRAVJU**

1. Illi, l-Ewwel Aggravju tal-appellanti jikkonsisti mill-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet applikazzjoni tal-liġi meta' sabet lill-imputati ħatja stante li l-prosekuzzjoni ma laħqitx il-grad ta' prova rikjest mill-liġi u dana peress li s-sejbien ta' ħtija tiddependi biss fuq video recording elevat u analizzat mill-Pulizija;

2. Illi, tant ġie ritenut fil- kawża fl-ismijiet ***P vs. Troure Moumen***[1] fejn il-Qorti tal-Apppel ċċitat mis-sentenza ***Regina vs. Carldwel and Dixon***[2], illi jinħtieġu żewġ elementi li huma tassattivi u kumulattivi sabiex il-Qorti tkun tista' tgħaddi għal deċiżjoni li ma hijiex*unsafe and unsatisfactory* meta taċċetta l-identifikazzjoni tal-persuna imputata mill-Pulizija u ankorke li tammetti il-prova tal-video;

3. Illi, l-ewwel u qabel kollox, qalet il-Qorti fir-rigward tal-awtentiċita` tal-prova video:

> *' The court must, before admitting recordings as evidence be satisfied that the evidence which may be yielded is relevant **<u>and that the recording produced is authentic and original</u>** ... Thee above principles apply to the use of film produced by hidden, automatic security cameras installed in banks and elsewhere for the purpose of recording robberies and other incidents. The jury are entitled to consider the film as identification evidence of the persons recorded on it, subject to the foundational requirements stated above"*[3]

4. Illi, issa mir-riżultanzi proċesswali u wieħed mill-punti li ġew trattati kien li sid il-ħanut ma inġiebx biex jixhed dwar l-awtentiċita` tal-video u lanqas m' hemm indikat fuq il-video stess il-prvenjenza tiegħu u liema hu il-ħanut;

5. Illi, Cross jilmmenta li hemm biss *"...a thin trickle of authority on the admissibility of other media' li għandha titqies bħala ' real evidence when it is tendered **<u>to show what was recorded</u>**"* (sottolinejar tal-appellanti);

---

[1] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) deċiża nhar is-**27.10.2016**
[2] 1993 CLR 862
[3] op.cit., ' **R v Dodson; R v Williams**' [1984] Crim LR 489 u ukoll ' **Taylor v Chief Constable of Cheshire** [1986] 1 WLR 1979.

6. Illi, jiġi sottomess li l-video ma ġiex ippreżentat biss sabiex merament jinwera "What was recorded". L-istqarrija ġuramentata tal-PC Benetti tikkontjeni numru ta' opinjonijiet tiegħu ta' dak li skond hu kien aġir kriminuż tal-imputati, jinterpreta x' kienu qegħdin jagħmlu dak il-ħin li rahom, jgħid li kienu qed josservaw il-vittma Sharon Bourne, meta hu il-Sharon Bourne qatt ma kien raha;

7. Illi, interessanti li PC Benetti jtenni li waħda mill-imputati "*setgħet kienet*" u "*possibilment biex tisraqha*' u saħansitra ' *possibilment serqitha*' u dan għaliex **<u>is-serq qatt ma huwa evidenzjat minn imkien fuq il-video</u>** – mentri PC Chircop, li ra l-istess video, jgħid li hu jara lill-imputat Genoveva ' ***b' idejha fil-baskett tal-vittma***' . Din hija ħaġa ta' faċli kostatzzjoni. Id-difiża eżaminat il-video bir-reqqa. Ma jidhru qatt idejn l-imputati fil-baskett tal-vittma, ma jidher qatt portmoni jew oġġett ieħor ħiereġ minn ġo basket;

8. Illi, huwa ovvju li PC Benetti u Chircop iridu jistruwixxu l-evidenza mhux merament b' dak li wieħed jara li ġie irrekordjat imma anke dak li ma huwiex fuq il-video u dan m' għandux ikun permissibbli;

9. Illi, jonqos l-element ieħor meħtieġ għal-video evidence fir-rigward ta' identifikazzjoni fejn il-Qorti in re Caldwell Dixon ċitat f' Troure Moumen, li setgħet issir biss f' ċirkostanzi ristrettissimi:

> "***<u>Where the identification/recognition of a suspect is made by a police officer as a result of previous dealings with that person, the identification is admissible</u>*** *.... Much will depend on the circmustances of the recognition;* ***<u>if it is followed by an immediate arrest, there is no break in the chain from observation to arrest,, but if the identifying officer does not immediately arrest the suspect, formal</u>***

***identification procedures should be followed to avoid the risk of the officer' s recognition being rules as inadmissible***"[4]

10. Illi, la PC Benetti u lanqas PC Chircop ma qatt kienu raw lill-imputati appellanti qabel ma raw il-video, bħalma qatt ma kienu raw l-allegat vittma Sharon Bourne – li kieku kienu rawhom qabel (sija imputati qua vittma) kienu jgħiduh fix-xhieda ġuramentata tagħhom. Minn naħa l-oħra m' hemm ebda ammissjoni minn naħa tal-imputati li xi persuni li jidhru fil-video huma huma – li jfisser li l-prova hija inammissibbli;

11. Illi, f' dan ir-rigward il-Qorti in ***re Troure Moumen*** qalet hekk:

> "***ma jidhirx illi l-appellanti qiegħed jikkontesta l-fatt illi l-persuna Ii tidher fiż-żewġ filmati huwa l-persuna tiegħu***. *Fil-fatt fix-xhieda mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti huwa* ***jammetti*** *illi kien mar jixtri mis-supermarket.... [...]...Dan ifisser allura illil l-identifikazzjoni tal-persuna ta' l-appellanti minn fuq il-filmati* ***hija prova ammissibbli billi mhux biss x-xhud igħaraf lill-appellanti bħala l-istess persuna Ii jidher fil-filmat ta' Diċembru 2014 u bhala l-istess persuna Ii ġie imwaqqaf fis-supermarket f' Gunju 2015, izda l-appellanti stess jikkonferma illi huwa mar jixtri f' dawn iż-żewġ okkazjonijiet***"

12. Illi, *a contrariu sensu*, mhux hekk ġara f' dan il-każ. L-appellnati la ammettew għall-akkużi u lanqas biss xehdu -aħseb w ara kemm jista' jkun li ammettew li xi persuni f' dak il-video huma huma. Ma qalux dan lanqas fl-istwarrija li ġiet irrilaxxjata minnhom lill-Pulizija. Illi minn naħa l-oħra, kif diġa ingħad il-

[4] op. cit. **R.vs. Caldwell and Dixon**

Pulizija Benetti u Chircop, li ma humiex ix-xhieda ideonji għal dan l-iskop kieku stess, ma setgħux jidentifikaw lill-imputati mill0video stante li huma ma kellhom ebda relazzjoni magħhom qabel l-24.06.2018, ma kienux arrestawhom u lanqas ma kellhom xi forma ta' inkontru magħhom;

13. Illi, l-aktar persuna li setgħet tgħarraf l-imputati u l-vittma minn fuq il-video kienet is-salesgirl Ritienne Damato, li il-prosekuzzjoni setgħet faċilment inġungietha biex tixhed, pero` dan m' għamlitux;

14. Illi, huwa pależement ovvju li sabiex jiġu sodisfatti l-estremi ta' dan ir-rekwiżit tinħtieġ il-konkorrezza kumulattiva taż-żewġ elementi kostituttivi tagħha;

15. Illi inoltre , mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suriferit, minn imkien ma jidher fil-video kif sottomess twettieq ta' att kriminuż. L-appellanti ma' serqu ebda oġġett minn ġo basket il-' vittma' . Fl-ewwel lok, kif diġa ingħad fil-video, il-persuna li tidher fil-video ma tistghax tingharaf bħala il-vittma Sharon Bourne, u dan għas-sempliċi raġuni li ħadd ma identifikaha bħala il-persuna li għamlet ir-rapport l-Għassa, hi ma dehrietx fil-proċeduri u fir-rapport tagħha ma jidhirx li rat il-video. Ir-rapport tagħha sar fil-21.06.018, il-video inġabar fil-24.06.2018;

16. Illi, barra minnhekk il-Pulizija huma tenuti li jagħmlu l-aħjar prova u dak bix-xhieda tal-vittma stess li tgħarraf lilha innifisha fuq il-video. Lanqas ma xehdet WPS Bunce, li skond l-affidavit tagħha ħadet ir-rapport ta' Sharon Bourne, ma xehdet f' dan is-sens;

17. Illi, il-fatt li wieħed qiegħed jara li l-appellanti imputati qegħdin iduru ġewwa ħanut tal-ħwejjeġ bl-ebda mod ma jfisser li dak huq l-ħanut Pull & Bear, ma juri f' ebda mument li sar serq u wisq anqas ma juri l-allegat vittma tiskopri is-serqa wara li marret ġewwa iċ-' *changing rooms*' , li kif ser jintqal aktar il-

quddiem fuq dan ir-rikors tal-appell, in kwantu jikkonċerna il-każ in deżamina, jikkostitwixxi biss *hearsay evidence*;

18. Illi, l-analiżi ta' PC Benetti li jagħmel diversi assunzjonijiet minn naħa tiegħu li, kemm il-darba jistgħu isiru fl-ambitu ta' investigazzjoni kriminali, ċertament ma jsibux posthom bħala xhieda quddiem Qorti. Il-Pulizija hawnhekk qegħeda tagħti opinjoni li hija prekluza milli tagħmilha;

**<u>IT-TIENI AGGRAVJU</u>**

34. Illi, mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta sabet lill-appellanti ħatja tar-rejati kif dedotti kontrihom u dana peress li ma' ġiex muri suffiċjentement li r-rejati seħħew fil-data, lok u ħin kif imsemijja fl-att ta' akkuża;

35. Illi, l-imputati Ilyana Ilieva u Genoveva Stoilova ġew imputati li ikkommettew serq minn ġewwa il-ħanut Pull & Bear, nhar il-21.06.2018 għal ħabta tal-1430 hrs;

36. Illi, il-provi f' dan ir-rigward fl-atti proċesswali tal-kawża jammontaw għax-xogħol li għamlu PC Benetti u Chircop li skond l-istqarrija tagħhom elevaw il-video minn ġewwa il-ħanut Pull & Bear, Valletta, fl-24.06.2018;

37. Illi, il-video m' għandux *time & date stamp* fuq l-immaġini tal-video u lanqas tar-ritratti li inħarġu minnu, u għaldaqstant ma jistgħax legalment jinzamm rilevanti għall-akkuzi kif dedotti u dana b' hekk il-Qorti ma tistgħax tkun ċerta oltre d-dubbju dettata mir-raġuni, li l-prova prodotta tinstab fil-limiti taċ-ċirkoskrizzjoni tal-akkuzi;

38. Illi, kien imiss lil espert imqabbad mill-Qorti sabiex jagħmel id-determinazzjoni tad-data u ħin ta' meta ittieħed il-video - jekk wara kollox dan huwa possibbli. Il-fatt li fuq il-kolonna tax-xellug jidher *folder*, fejn tinżamm l-informazzjoni dwar il-video, li huma imsemi bħala data ma tistgħax titqies bħala *time & date stamp*. Huwa faċli biex wieħed jaqbad video u jikkupjah ġo folder b' dak l-isem, jew xort' oħra li joħloq *folder* u jagħtieħ dak l-isem;

39. Illi, kemm il-darba id-difiza ma hijiex qegħeda tallega li ġara hekk, pero` hemm dibbju raġjonevoli dwar l-integrita` tal-prova kif ukoll dwar id-data u l-ħin. Sid il-ħanut, jew rappreżentant tiegħu, ma inġiebx biex jixhed sabiex qieħed seta jifhem jekk dawk iċ-ċifri jikkorrispondux għal data jew le jew kemm hu faċli o meno li dawn iċ-ċifri jiġu imbgħabsa;

40. Illi, Espert tal-IT jew in materia ta' video, seta' faċilment jitqabbad sabiex janalizza dan kollu u jirrelata lura bil-miktub sabiex jipprovdi dak is-serħan tal-moħħ, li l-prova li għandha quddiemha il-Qorti hija waħda awtentika u ġenwina. Fil-każ odjern dan il-komfort ma huwiex preżenti u din hija motivazzjoni oħra għaliex id-deċizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija waħda li hija *unsafe and unsatisfactory*;

41. Illi, fl-aħħar nett fħdan ir-rigward irid jingħad li l-kostatazzjoni dwar id-diskrepanza fil-ħin ma hijiex waħda li ġiet stabbilita minn PC Benetti u Chircop. Dan ma jirriżultax mill-istqarrija ta' Benetti imma ta' Chircop li jgħidilna li din l-informazzjoni tagħthielu is-salesgirl ta' Pull & Bear, li ma nafux lanqas jekk hijiex Ritienne Damato jew persuna oħra;

42. Illi, dan il-fatt ukoll kellu jiġi stabbillit permezz ta' espert tal-qorti sabiex, casomai il-prova prodotta kienet tkun ammissibbli, il-Qorti setgħet tagħmel determinazzjoni legalment valida ta' meta' seħħ l-allegat rejat –

determinazzjoni li xort' oħra hija impossibbli stante li ma tidher ebda imġieba kriminuza;

<u>**IT-TIELET AGGRAVJU**</u>

43. Mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, it-Tielet Aggravju tal-appellanti jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ibbażat is-sejbien tal-ħtija tal-imputati fuq rapport tal-vittma bħala il-motivatur tal-akkużi, liema rapport jikkostitwixxi hearsay evidence u għaldaqstant l-akkui fil-konfront tal-imputati ma humiex sostenibbli;

44. Illi, dan qiegħed jingħad għal żewġ motivazzjonijiet prinċipali – l-ewwel waħda hi li Sharon Bourne ma xehdietx fil-kawża kontra l-imputati appellanti sabiex *inter alia* tikikkonferma ir-rapport tagħha bil-ġurament fil-Qorti u fit-tieni lok, għaliex l-iskop tal-istqarija ta' WPS Bunce ta' <u>**dak li allegatament irrapurtat Sharon Bourne**</u> hija sabiex tiġi stabbilita` bħala verita` dak li intqal fir-rapport tagħha – u ċjoe` li insterqilha port moni ta' lewn vjola, kontenenti il-liċenzja tas-sewqan, il-mitejn Ewro (€200) u l-*cards* tagħha;

45. Illi, f' dan ir-rigward il-Qrati tagħna kellhom mod li jarġinaw l-provi li jikkostitwixxu l' hekk imsejjaħ *detto del detto*, billi qalet:

> *"Jekk dak rakkontat jiġi ppreżentat* <u>***bhala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli***</u> *iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu* <u>***iżda bhala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u hin li fihom intqal***</u> *allura dan ma jkunx hearsay evidence u* <u>***huwa ammissibbli ghal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi***</u>

*__kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud__ li l-kliem tiegħu ikun qieghed jiġi rapportat"*

46. Illi, id-difiża ma hijiex tallega li ma huwiex minnu li Sharon Bourne verament marret l-Għassa tal-Pulizija tal-Belt nhar il-21.06.2018 u għamlet ir-rapport li WPS Bunce stqarret li għamlet, iżda kemm il-darba dan kollu seta kien minnu, l-iskop ta' din il-prova ma setgħax jintlaħaq jekk il-kwerelanti Sharon Bourne ma dehrietx fil-proċeduri sabiex jintlaħaq l-għan tal-prova li saret premezz ta' dik l-istqarrija tagħha;

47. Illi, dan ifisser li ix-xhieda ta' WPS Bunce fir-rigward tar-rapport tal-kwerelanti Bourne għandha ukoll tiġi skartata u dana stante li ma hijiex isservi ebda għan leġittimu kif fuq imsemmi u għaldaqstant tammonta għal hearsay evidence;

__IR-RABA' AGGRAVJU__

48. Illi, mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, ir-raba' aggravju tal-appellanti, jikkonsosti mill-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażina tal-fatti meta ikkonkludiet li l-imputati kienu serqu lil xi persuna li dehret fil-filmat ippreżentat mill-prosekuzzjoni;

49. Illi, al di la` minn dawk il-vizzji li l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni kif deskritti fl-aħħar tlett aggravji, irid jingħad illi anke jekk fl-aħħar grazio argomenti, il-Qorti kellha ssib li dawk il-provi kienu kollha ammissibbli, sabiex tasal għal konklużjoni li l-imputati wettqu serq, il-filmat ried juri biċ-ċar li dawn kienu qed jikkommettu ir-rejat kriminuz lilhom addebitat;

50. Illi, dan qiegħed jintqal għax il-prova tal-filmat huwa wieħed li minn natura tiegħu stess m' għandu jħalli xejn għall-immaġinazzjoni. Għaldaqstant, qajla għandu jkun li kif qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti, li l-aġir tal-imputati ma

jħalli ebda dubbju fil-moħħ tal-ġudikant *"x' kienu qegħdin iwettqu l-imputati"*[5]. Jekk il-Qorti ser tistriegħ fuq prova bħal ma huwa filmat, dan minn naħa l-oħra ikun irid juri it-twettieq tar-rejat u ma jħalli ebda ombra ta' dubbju dwar:

(a) Li qiegħed iseħħ ir-rejat addebitat;

(b) Fuq il-persuna tal-kwerelanti;

(c) Tal-oġġett/i reklamati misruqa

51. Illi, l-hinn mill-ammissibilita` o meno tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, la il-filmat ma juri li l-imputati qegħdin iwettqu rejat kriminuz, la jirrizulta minn hi l-persuna ta' Sharon Bourne fil-filmat u lanqas ma tidher l-korp tal-allegat serq, u ċjoe` il-portmoni.

**<u>IL-ĦAMES AGGRAVJU</u>**

52. Illi, mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta erogat piena ta' erba (4) xhur priġunerija *ai termini* tal-Art.254 tal-Kap.9 meta messa erogat piena ta' mhux aktar minn tlett xhur, stante li japplika f' dan il-każ il-proviso tal-Art. 285.

53. Illi, minggħajr preġudizzju għal dak kollu li ingħad fuq dan ir-rikors dwar *inter alia* inamissibilita` tal-provi li għandu jwassal għall-liberatorja tal-imputati appellanti, xort' oħra anke jekk grazio argomenti l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha raġun issib ħtija definitivament ma setgħatx teroga il-piena taħt l-Art. 284 u dana peress li ma ġiex ppruvat il-valur ta' dak li insteraq u għaldaqstant ma jistgħax jingħad li l-valur tal-oġġett/i allegatament misruqa

[5] op. cit, Sentenza appellata

mill-imputati jammonta għal aktar minn **tlieta u għoxrin Ewro u disa' w għoxrin ċenteżmu (€23.29)**;

54. Illi, il-piena għal dan it-tip ta' rejat kif kontemplat taħt il-proviso imsemmi huwa ta' mhux aktar minn tlett (3)xhur;

55. Illi, peress li ma inġabet ebda prova oħra rigward preċedenti penali, dan għandu jitqies bħala l-ewwel kundanna tagħhom u għalhekk għandhom jingħataw sentenza fil-minimu tagħha ta' xahrejn li tiġi sospiża għal żmien sena, skond id-dettami tal-**Art. 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta**;

KONKLUZJONIJIET

Illi, l-assjem kollu tal-provi li wasslu għal kundanna tal-appellanti m' huma xejn għajr ġabra skarsa ta' mera allegazzjonijiet u provi inammissibbli u dan peress:

(a) Il-prosekuzzjoni, bl-obbligu impost fuqha li tipproduci l-aħjar prova – xhieda tal-kwerelanti, refurtiva, konverma tal-filmat, analizi minn espert forensiku – naqqset gravement milli tagħmel dan kollu;

(b) L-identitfikazzjoni tal-allegat vittma ma ġietx kkonfermata sodisfaċentement stante li din ma tilħaqx il-grad ta' kwalita` ta' prova meħtieġa sabiex tinstab ħtija;

(c) Il-filmat ma jurix id-data, ħin u lok tal-allegat inċident ta' serq u għaldaqstant ma hijiex ammissibbli bħala prova u ma tilħaqx lanqas il-kwalita` ta' prova meħtieġa sabiex tinstab ħtija;

(d) Il-filmat ma jruix aġir kriminux u għaldaqstant ma jistgħhax jingħad jekk seħħx serq jew le fil-ħin meta ġie miġbud il-filmat;

(e) Ma ġie stabbilit b' ebda mod x' insteraq stante li dak rapport minn Sharon Bourne jikkostitwixxi biss mera allegazzjoni ta' serq. Refurtiva qatt ma nstabet u lanqas ma saret tfittxija għaliha;

(f) Il-Pulizija ma setgħetx tidentifika lill-Sharon Bourne minn fuq il-filmat, stante li min eleva il-filmat ma iltaqghax ma' Sharon Bourne u lanqas ma seta' jkun jaf min huma l-imputati għax qatt ma kien iltaqa jew kellu x' jaqsam magħhom. Minn naħa l-oħra, WPC Bunce li rat lil Sharon Bourne ma xehditx li rat il-filmat u għarrfet lill-kwerelanti Bourne;

(g) Is-sentenza qaħda mhux talli hija unsafe and unsatisfactory izda hija waħda perikoluza ħafna li fuq mera allegazzjonijiet tal-Pulizija, il-Qrati tagħna ikunu daqshekk leġġeri li jiskartaw dawk in-normi ta' proċedura li jirregolaw l-ammissibilita` o meno tal-provi, l-obbligu tal-produzzjoni tal-aħjar prova u r-regoli li jarġinaw il-*hearsay evidence*, liema normi, wara kollox, huma intizi sabiex fuq kollox jitħaddnu u jiġu protetti dawk id-drittijiet kollha li l-Kostituzzjoni ta' Malta tisanċixxi taħt l-Art. 39 u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Ikkunsidrat;

Fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn l-appellanti tressqu bl-arrest gew prezentati l-fedini penali u l-istqarrijiet tal-appellanti.

Fl-istess seduta tal-ħamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) quddiem il-Magistrat Dr. Josette Demicoli, xehdet l-**Ispettur Priscilla Caruana Lee** ai fini ta-validita' tal-arrest li spjegat li l-appellanti kienu qeghdin arrestati gewwa CCF peress li qed jistennew sentenza t'Appell u li rrizulta li indirizz fis ma ghandhomx. Tghid li ghandhom CCTV footage minn fejn bdew l-investigazzjonijiet taghhom u ghaddew kopja lil Avukat. Tikkonferma li fil-filmat jidhru l-appellanti. L-Avukat difensur jikkumenta li '*Jidhru...imma ma jidhrux in konnesjoni mar-reat one (1) u number two (2) li m'ghandhomx indirizz fis f'Malta fis-sens hawn, indirizz iehor barra minn Malta.*' In kontro-ezami tghid li l-appellanti jidhru fil-*footage* u tghid li hemm tattika, li ressqu lejn il-vittma kemm damet fil-hanut. Tghid li huma sentenzjati ghal hames (5) xhur ghal reati simili ta' serq u hemm appell pendenti.

Giet prezentata affidavit[6] ta' **WPS250 Amanda Parascandalo Bunce** fejn ddikjarat li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) ghal habta tat-15:20hrs waqt li kienet qieghda *second watch* l-Ghassa tal-Belt giet is-Sinjura Sharon Bourne ta' nazzjonalita' Ingliza fejn din irraportat li dak inhar stess bejn il-hin tat-14:00hrs u 14:45hrs hija kienet qieghda tixtri minn gewwa l-hanut bl-isem ta' 'Pull & Bear' sitwat fi Triq Santa Lucija, il-Belt Valletta. Iddikjarat li s-Sinjura Bourne irraportat li bejn dawk il-hinijiet xi hadd kien serqilha l-portmoni taghha ta' lewn vjola li dan kien qieghed fil-hand bag taghha li kien fih il-licenzja tas-sewqan taghha (Ingliza), is-somma ta' mitejn ewro (€200), erba' (4) credit cards u travel card. Iddikjarat li s-Sinjura Bourne stqarret li l-ahhar li uzat l-imsemmi portmoni kien ftit tal-hin qabel gewwa l-hanut bl-isem ta' Accessorize. Spjegat ukoll li meta marret ghand il-hanut Pull & bear hekk kif marret hdejn ic-changing rooms hija nnotat li kellha z-zipp tal-baskett ta' lewn blu skur miftuh u hawn hekk indunat li kellha l-portmoni nieqes. Wps250 Amanda Parascandalo Bunce iddikjarat li dak in-nhar il-kwerelanta kienet libsa flokk ta' lewn blu u shorts ta' lewn blu skur li kellu xi disinn ta' lewn blu car.

Wps250 Amanda Parascandalo Bunce iddikjarat li dakinhar stess baghtet lil PC137 bir-rikjesta minhabba CCTV cameras fejn minn naha tieghu ghaddieha lil certu Ritienne D'Amato bin-numru tal-karta tal-identita' 1942480M fil-kapactita' taghha bhala salesgirl gewwa l-hanut ta' Pull & Bear. Wps250 Amanda Parascandalo Bunce nfurmat lil Pc 344 C.Chircop u lil Pc 626 G. Benetti li kienu dettaljati xoghol pajzana minhabba l-pick pocketing fejn min-naha taghhom gabru dawn il-filmati u komplew bl-investigazzjonijiet taghhom. Nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) PC355 infurmawha li huma raw il-filmati u gew identifikati iz-zewg persuni li kienu serqu lil Sharon Bourne. Tghid li dawn il-persuni kienu certu Llyana Ilieva mill-Bulgarija ID Card 644804117 u Genoveva Stoilova mill-Bulgarija ID Card 64675794. L-Ispettur Priscilla Caruana giet infurmata b'dan il-kaz fejn aktar tard kompliet bl-investigazzjonijiet taghha.

[6] Li tinsab a fol 13 et seq fejn hemm referenza ghal '*Il-Pulizija vs Ilyana Ilieva ID: 644804117 Genoveva Stoilova ID: 64675794*' u ghal Ref. No. 1/A/2397/2018.

**PC 355 C. Chircop** xehed permezz tal-procedura tal-affidavit[7] fejn iddikjara li fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) ghal habta tal-12:00hrs flimkien ma' PC 626 eleva filmat ta' CCTV footage minn gewwa l-istabbiliment "Pull and Bear" sitwat fi Triq Santa Lucija, il-Belt Valletta. Jghid li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) dahal rapport (1/A/2397/2018) gewwa l-ghassa tal-Belt Valletta rigward pickpocketing minn certu Sharon Bourne, tourista ta' nazzjonalita Ingliza.

Jghid li dak in-nhar stess, cioe' fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) analizza CCTV footage fejn jispjega li *'f'Camera 1 fil-hin 14:01:38hrs osservajt lill- Genoveva Stoilva (Bulgarian ID:64675794) u lill- Ilieva lliyana (Bulgarian ID: 644804117) dehlin ghall-ewwel darba fl-imsemmi hanut iduru dawra u jergghu johorgu ghall- habta ta' 14:08:59hrs.'*

Jispjega li '*Fil-hin ta' 14:26:07hrs, Camera 4 l-akkuzati jerghu jidru dehlin fl-istess stabiliment fejn imbad f'14:26:26hrs Genoveva Stoilova tidher taqbad flokk li kien imdendel, taghtti idejha tahtu u tavvicina lil vittma. Osservajt li kull darba illi ticcaqlaq il-vittma,Genoveva tibqa timxi warajha mill-vicin kwazi mwahhla maghha.*' Jghid li '*Imbghad f'14:26:55hrs f'Camera 5 osservajt lil Genoveva b'idejha fil-basket tal-vittma waqt li bdiet tiprova taghtti idejha bl-istess flokk li qabdet f'14:26:26hrs.*' Jghid ukoll li meta tkellem mas-salesgirl tal-Pull and Bear stqarur mieghu li s-sistema ta' CCTV taghhom ghandha diskrepanza tal-hin b'madwar ghoxrin (20) minuta lura. Jiddikara li wara l-akkadut, tkellem mal-Ispettur Alfredo Mangion u l-Ispetttur Priscilla Caruana Lee fejn bdew l-investigazzjonijiet minn naha taghhom.

[7] Li tinsab a fol 17 et seq fejn hemm referenza ghal 'Il-Pulizija vs Ilieva Iliyana Bulgarian ID: 644804117' u ghal Ref. No. 1/A/2397/2018.

**PC626. G. Benetti** xehed permezz tal-procedura tal-affidavit[8] fejn iddikjara li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) dahal rapport ta' 'pickpocketing' gewwa d-distrett tal-Belt Valletta (1/A/2397/2018). Jiddikjara li l-vittma certa Sharon Bourne ta' Nazzjonalita Ingliza stqarret li kienet f'zewg stabbilimenti fl-istess data bejn 1400-1445hrs li huma 'Accessorize' u 'Pull and Bear', fejn f'dan tal-ahhar indunat li kellha l-portmony nieqes. Jghid li hu u Pc355 nkarigati biex jinvestigaw dawn il-kazijiet gew infurmati bir-rapport u fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) marru gewwa l-ahhar stabbiliment li kienet fih il-vittma, u cioe' l-'Pull and Bear' ghal aktar stharrig. Jiddikjara li '*Minn analizi li sar fuq il-'footage' tal-Pull and bear giet osservata l-vittma li kient liebsa flokk lewn blu u 'shorts' blu skur diehla go l-istabbiliment Pull and Bear fis-1410Hrs (CAM1). Gew osservati zewg persuni ta' sess femminili dehlin go l-imsemmi stabbiliment (CAM1) fis-14:01:38, wahda xaghar iswed toppu liebsa hwejjeg abjad bl-iswed, l-ohra xaghar kannella b'libsa roza b'nuccali tax-xemx fuq rasha. Hawnhekk iz-zewg nisa daru dawra gol-hanut u regghu hargu fis-14:09.*'

Jghid li '*Fis 14:26:07 (CAM1) regghu gew osservati l-istess zewg nisa dehlin fl-istabbiliment Pull and Bear u fis-14:26:26 (CAM4) tidher it-tfajla ta libsa roza taqbad flokk abjad biex tkun tista tghatti idejha u bdiet issegwi u tosserva l-movimenti tal-vittma cioe Sharon Bourne biex issib il-mument opportun biex tisraqha. Fis-14:27:17hrs (CAM4), iz-zewg tfajliet jidhru jibdew jaghlqu fuq il-vittma biex jisirquha waqt li din waqfet tara l-hwejjeg, biex filwaqt li t-tfajla tal-libsa roza tipprepara biex tahdem, it-tfajla l-ohra tipprovdi kopertura ghas siehba taghha minn persuna liebsa kappell li kien hemm wara tal-libsa r-roza kif ukoll minn persuna ohra liebsa beritta magemb il-vittma. Din il-kopertura bdiet issir minn din it-tfajla filwaqt li bdiet taghmilha ta' birruha qed tara l-hwejjeg pero fl-istess hin qed tosserva l-madwar. Fis-14:24:40 tihder it-tfajla tal-libsa r-roza timxi ftit passi wara l-vittma biex imbaghad tefghet idejha x-xellugija gol-hwejjeg li bdiet tizzomm f'idha.*'

[8] Fl-atti gew prezentati zewg affidavits ta' PC626 G. Benetti a fol 21 et seq u a fol29 et seq. Wahda li taghmel referenza ghal 'Il-Pulizija vs Ilieva Llyana (Bulgarian ID: 644804117) u ohra ghal 'Il-Puliija vs Genoveva Stoilova Bulgarian ID 64675794' fejn hem Ref. No. 1/A/2397/2018.

Jiddikjara li '*F'CAM5 li juri angolu oppost ta' CAM4 fis-14:26:26 juri lit-tfajla tal-libsa r-roza taqbad flokk filwaqt li qed thares u tosserva l-vittma (Sharon Bourne), il-komplici tagha, t-tfajla tal-libsa abjad u iswed qed toserva lil sehbitha tahdem kif ukoll lil vittma. Fis-14:26:36 giet osservata l-komplici taqbad flokk iswed li bilkemm tat-kasu, b'mod car li juri li dawn ma kienux qeghdin jaghmlu xirja izda pjan strategiku kif ser jisirqu. Fis-14:26:39, it-tfajla tal-libsa r-roza tidher tmur wara l-vittma (Sharon Bourne) b'idejha l-lemija izzomm il-flokk abjad possibilment biex tghatti idejha u idha x-xellugija taghmel movimenti suspettuzi fil-vicinanzi estremi tal-vittma tant li meta l-vittma mxiet ftit, it-tfajla tal-libsa roza mxiet maghha filwaqt li bdiet tkompli bil-moviment suspettuzi mal-vittma. Fis 14:26:55 it-tfajla tal-libsa roza taqt l-kuntatt minn mal-vitmma ghal ftit sekondi fejn imbaghad fis-14:26:59 terga tibda ssegwi l-istess vittma. F'dan l-istess terga tidhol fix-xena l-komplici tal-libsa bajda u sewda bil-flokk iswed f'ida x-xellugija biex taghti kopertura lis-siehba taghha, kif ga spejgajt iktar qabel, bid-differenza li minn dan l-angolu ta' CAM5 jidher car fis-14:27:24 il-movimenti suspettuzi li bdiet taghmel tal-libsa r-roza fl-estremitajiet tal-vittma fejn jien u Pc355 nissuspettaw li dak il-hin is-susspettata kellha idejha fil-basket fejn anki f'hin 14:27:32 tidher tgholli naqra l-flokk biex tara idha fejn kienu u timxi meta timxi l-vittma, b'idha mal-vittma fejn finalment f'14:27:45 tal-libsa roza tiddistakka minn mal-vittma wara li din possibilment serqitha.*'

PC626 G. Beneti ikompli jiddikjara li 'Fis-14:29, iz-zewg tfajliet dehru hergin mill-istabbiliment Pull and Bear, fejn jien u Pc355 innutajna li dawn t-tfajla tal-libsa r-roza aktarx tqila hekk kif tidher fil-filmat (CAM3) hin 14:28:55 huma u hergin mill-istabbiliment.' Jghid li l-hin ta' CCTV qieghed kalibrat bejn wiehed u iehor, ghoxrin minuta lura jigifieri jekk bhalissa l-hin attwali huwa 12:00hrs, il-hin ta' CCTV huwa 1140hrs. Jghid li s-Sur Alfredo Mangion gie infurmat b'kollox u iktar investigazzjonijiet ghaddejin minn naha tieghu.

Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed l-**Ispettur Alfredo Mangion** li spjega li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) dahal rapport li kien insteraq portmoni minn gewwa handbag ta' certa 'Charon Born' ta' nazzjonalita Ingliza li kienet turista gewwa Malta fejn minn

gewwa l-imsemmi basket insteraq portmoni li kien fih l-ammont ta' mitejn ewro (€200) fi flus kontanti, erba' (4) credit cards kif ukoll licenzja tas-sewqan Ingliza. Xehed li minn stharrig li sar minn naha tal-Pulizija ngabru CCTVs minn gewwa l-istabbiliment Pull&Bear wara li d-derobata ndikat li giet misruqha minn gewwa l-imsemmi stabbiliment. Huwa prezenta kopja tas-CCTVs li giet immarkata bhala Dok AMX1. Prezenta wkoll seba' (7) ritratti stills mehuda mill-istess CCTV immarkati bhala Dok AMX2. Jghid li minn stharrig li sar fuq l-istess filmati rrizulta li zewg (2) persuni li wara rrizultaw li kienu certa Genovesa Stoilova Neli Illieva u Illiyana Ilieva li dawn dehru javvicinaw lil vittma. Wadha mill-persuni li wara rrizulta li hija Genoveva poggiet flokk fuq idejha, kif jidher f'ritratt 7 u resqet lejn il-vittma u tidher qieghda tiehu l-portmoni minn gol-basket tad-derubata. Xehed li fir-ritratti mmarkati bhala 5, 6 u 7 tidher l-istes Genoveeva li huwa gharaf fl-awla b'idejha fil-basket. Huwa indikaa lil-imputata fl-awla.

Xehed li ttiehdet stqarrija taz-zewg persuni minnu u mill-Ispettur Pricilla Caruana Lee fejn dawn ghazlu li ma jwegbux ghal hafna mid-domandi. L-istqarrijiet ittiehdu fil-prezenza ta' Dr Etienne Calleja. Huwa prezenta kopja tar-rapport rigwardanti dan l-incident li gie mmarkat bhala Dok. AMX3. Huwa prezenta wkoll kopja tal-identita' taz-zewg persuni mmarkati bhala Dok AMX4 u Dok AMX5.

In kontro-ezami mistoqsi kif waslu li t-tfajliet li jidhru fil-filmati kienu l-appellanti wiegeb li kienu tressqu minn Spetturi ohra fuq reati simili u meta qablu r-ritratti waslu ghall-identita' li kienu l-istess zewg persuni. Jghid li f'ritratti numru hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7) tidher li qieghda tqalleb fil-basket tal-vittma. Mistoqsi kif jekk idejha mghottija bil-flokk tista' tghid li idejha qieghda fil-basket wiegeb li tidher cara. L-Ispettur ghamel referenza wkoll ghar-ritratt numru hamsa (5) u jghid li idejha qieghda fil-basket u jghid li apparti minn hekk il-manuvra tidher cara meta wiehed jara l-video ghax jidher il-moviment kollu.

Ir-rapport tal-Pulizija immarkat bhala Dok. AMX3 jipprovdi li '*Today 21st June 2018, at around 15:20hrs, reported at Valletta Police Station a certain Sharon Bourne of British*

*Nationality, were she stated that her purse was stolen from her bag, while she was in Pull and Bear shop, which is situated in St. Lucy Street, Valletta.*

*PFR state that the last time she used her purse was in Accessorize shop, and then she went to Pull and Bear at around 14:15hrs. PFR states that her purse was in her Navy blue Bag, and while she was near the changing rooms she noticed that the zip of her bbag was open, and the wallet was missing.*

*PFR stated that the wallet is of purple colour, and in it she had:*

*-UK Driving Licence*

*-Euro200 cash*

*-x4 Credit Cards*

*-Travel Card*

*PFR stated that she doesn't suspect in anyone at that time. While she was in the shop she was wearing a blue top and a dark blue shorts with light blue patterns.*

*PFR is currently staying at the Westin Dragonara Hotel, room number 575, in St. Julians. She is leaving Malta on th 26th June 2018.*'

Ir-rapport jipprovdi wkoll bil-lingwa Ingliza li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) ghal habta tat-15:30 Pc 137 tkellem ma' Ritienne D'Amato bhala salesgirl ta' Pull & Bear li nghatat it-talba ghac-CCTV cameras installati. Is-Sinjura D'Amato infurmat lil Pulizija li se tinforma lil manager taghha u lit-technician biex isir download tal-filmat u li se tinforma l-Pulizija x'hin cctv footage ikun lest.

Ir-rapport jipprovdi wkoll li wara li l-Pull and Bear CCTV kien annalizat minn pc355 u pc626 u kien stabbilit li s-suspettati huma Ilyana llieva ta' nazjonalita' Bulgara u Genoveva Stoilova ukoll ta' nazzjonalita' Bulgara. Skont ir-rapport, is-suspettati f'camera 4 u camera 5 jidhru fi kliem l-istess rapport '*attempting more than one time to pickpocket the victim and then eventually succeeding.*'

Ir-rapport jiprovdi wkoll dwar is-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn l-appellanti tressqu bl-arrest.

Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) l-**Ispettur Priscilla Caruana Lee** xehdet u kkonfermat l-istqarrijiet li hi hadet gewwa l-ufficju taghha fil-prezenza tal-interpretu fejn hemmhekk kien ukoll prezenti l-Avukat. Xehdet li hemmhekk urewhom ic-CCTV footage li huma elevaw minn gewwa Pull & Bear rigward serqa u ma wegbux ghad-domandi li ghamlulhom.

Ikkunsidrat;

Illi in breve l-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) Sharon Bourne irraportat l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta fejn stqarret li l-portmoni taghha kien gie misruq waqt li kienet fil-hanut ta' Pull & Bear gewwa Strada Santa Lucija, il-Belt Valletta. Ir-rapport ittiehed minn WPS250 Amanda-Jade Parascandalo Bunce;

2. Illi dak in-nhar stess il-Pulizija talbet il-filmat tac-CCTV tal-hanut Pull & Bear;

3. Illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018), PC355 C.Chircop u PC626 G.Benetti elevaw il-filmati tac-CCTV;

4. Illi l-Pulizija mill-filmati stabbilew li s-suspettati huma l-appellanti;

5. Illi inhargu l-akkuzi fil-konfront tal-appellanti li wiegbu mhux hatja.

Illi din il-Qorti tinnota li fil-parti tal-appell iddedikata ghall-fatti tal-kaz, l-appellanti jindikaw il-provi migjuba quddiem l-Ewwel Qorti flimkien ma' sottomissjonijiet li l-

appelllanti jghidu li irrelevaw quddiem l-Ewwel Qorti in tema tal-grad tal-prova. In oltre, jissottomettu wkoll li l-Ewwel Qorti ghamlet diversi riferenzi ghal piz tal-provi li skont l-appellanti huma pjuttost irrilevanti ghal kaz u dan peress li fis-sentenza appellata saret emfasi dwar il-kunflitt tal-provi u verzonjijiet kunfliggenti, haga li skont l-appellanti l-Ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn assolutament tidhol fiha stante li ma kienx hemm verzjonijiet kunfliggenti ta' provi, sitwazzjonijiet fejn xhud kien qieghed jghid mod u iehor kien qieghed jghid l-oppost. Jissottomettu li l-prosekuzzjoni gabet il-prova taghha u d-difiza ma gabet ebda prova ghax ma kellhiex ghalfejn iggib provi u l-oneru tal-prova qatt ma mexa mill-prosekuzzjoni ghal ghand id-difiza, kif skont l-appellanti l-Ewwel Qorti donnha trid tghid fis-sentenza appellata. L-appellanti jaghmlu referenza ghal uhud mill-kazistika citata mill-Ewwel Qorti li skont huma ma kienux japplikaw ghal kaz indizamina. Jissottomettu li l-'Presumptions of Fact' pjuttost isahhu t-tezi tad-difiza u jimmilitaw favur il-liberatorja milli l-oppost. Jghidu li ma kienx hemm prova indizzjarja izda l-provi li gew prezentati kienu kollha diretti.

Din il-Qorti sejra tibda billi tezamina l-aggravji mressqa mill-appellanti fl-appell taghhom.

Illi l-Ewwel aggravju tal-appellanti jikkonsisti f'li l-Ewwel Qorti '*għamlet applikazzjoni tal-liġi meta' sabet lill-imputati ħatja stante li l-prosekuzzjoni ma lahqitx il-grad ta' prova rikjest mill-liġi u dan peress li s-sejbien ta' htija tiddependi biss fuq video recording elevat u analizzat mill-Pulizija.*'

Illi l-appellanti jissottomettu li sid il-hanut ma ngiebx biex jixhed dwar l-awtenticita tal-video u lanqas ma hemm indikat fuq il-video stess il-provenjenza tieghu u liema hu il-hanut. L-appellanti jaghmlu referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Trevor Micallef Vs Moumen Troure'[9].** Dik il-Qorti kienet ghamlet referenza

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Ottubru, 2016 (Appell Nru: 513/2015)

ghal diversi awturi rigwardanti dak li jikkostitwixxi '*real evidence*'. Fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat li:

*'L-awtur Murphy, imbaghad fil-ktieb tieghu 'A Practical Approach to Evidence' (3rd Ed) jaghti dina id-definizzjoni ta' 'Real evidence' (fol. 7):*

*'A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses. The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. ...*

*'The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'.*

*Ikompli:*

*'The court must, before admitting recordings as evidence be satisfied that the evidence which may be yielded is relevant and that the recording produced is authentic and original ... The above principles apply to the use of film produced by hidden, automatic security cameras installed in banks and elsewhere for the purpose of recording robberies and other incidents. The jury are entitled to consider the film as identification evidence of the persons recorded on it, subject to the foundational requirements stated above" see eg 'R v Dodson; R v Williams [1984] Crim LR 489; see "Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1979'.'*

L-istess sentenza kkunsidrat li:

*'Illi l-ewwel gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti iqanqal kwistjoni dwar l-ammissibbilita tal-prova maghmula mill-prosekuzzjoni permezz ta' filmati mehuda minn CCTV camera installat fil-post fejn sehhew l-atti inkriminatorji allegatment kommessi mill-appellanti. Issa meta il-Qorti tqies illi prova hija inammissibbli u ghalhekk tiskartaha, dik il-prova trid tkun tali illi tippresupponi xi disposizzjoni tal- liġi li teskludieha milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess. Illi allura il-Qorti trid timxi b'cirkospezzjoni kbira sabiex tqies jekk il-prova li l-akkuzat qed ifittex li ixejjen tmurx kontra l-ispirtu tal-ligi li tirregola l-valur probatorju u l-ammissibbilita taghha.'*

Ikkunsidrat ukoll li:

*'Illi ibda biex mill-atti jirrizulta illi ghalkemm huwa minnu illi l-filmati qatt ma gew murija fil-qorti bil-miftuh u ghalkemm huwa minnu illi qatt ma gie innominat espert sabiex jeleva il-filmati u johrog il-kontenut taghhom, madanakollu jirrizulta illi d- difiza kellha f'ideja kopja ta' dawn il-filmati esebieti sabiex setghet tqies il-valur probatorju taghhom u sabiex tikkontrolla dak illi gie mistqarr mix-xhieda li identifikaw lill-appellanti minn fuq dawn il-filmati u xhedu dwar il-fatti riportati fihom.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Ramon Cassar) Vs Ruth Borda ta' 29 sena bint Carmel Borda u l-mejta Doris nee' Harmer, imwielda Pieta fit-18 ta' Marzu 1983, detentrici ta' karta ta'l-identita' Maltija bin- numru 190783(M) u residenti Volendam, Triq A. Calligari, Zabbar u Alan Cutajar ta' 35 sena iben Charles u Winifred nee' Willie, imwieled Pieta' fit-28 ta' Jannar 1997, detentur tal-karta ta'l-identita' Maltija bin-numru 125977(M) u residenti fil-fond numru Flat 16, Block 10, Entrance B, Triq il-Gilju, San Gwann'**[10] ' il-Qorti kkunsidrat fost it-taghlim ta' numru awturi li:

*'Illi fil-ktieb tieghu Cross, On Evidence (6th edition) l-awtur jaghti definizzjoni ta' dak imsejjah bhala real evidence:*

[10] Deciza mil-Qorti tal-Magistrati (Mata) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminli nhar l-14 ta' Ottubru, 2013 (Numru: 36/2007)

*'Things are an independent species of evidence as their production calls upon the court to reach conclusions on the basis of its own perception and not on that of witnesses directly or indirectly reported to it ...*

*Although it was devised by Bentham and adopted by Best, 'Real evidence' is not a term which had received the blessing of common judicial usage. There is general agreement that it covers the production of material objects for inspection by the judge or jury in court, but it is debatable how much further the term should be extended'.*

*Cross imbaghad ighaddi sabiex jaghti diversi ezempji ta' dak illi jikkostitwixxi "real evidence" u fost dawn l-ezempji huwa jinkludi automatic recordings u ighid:*

*'Most discussion has hitherto centred on the admissibility of tape-recordings, but this has now been supplemented by a thin trickle of authority on the admissibility of other media such as film, video- tape and computer output. In all of these cases the evidence is real evidence when it is tendered to show what it was that was recorded'.'*

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ikkunsidrat li '*Il-prosekuzzjoni ppruvat minn fejn kisbu l-filmat, kisbuh minghand Paul*[11] *& Bear, u kienu ufficjali stess li wara li raw il-filmat gharfu lill-imputati li ma kienux ucuh godda ghall-pulizija. PC355 Chircop u PC626 Benetti elevaw huma personalment il-filmat cctv minn gewwa l-istabiliment li jinsab fi Triq Santa Lucija l-Belt Valletta.*' Ir-rapport tal-Pulizija senjatament a fol 49 jiprovdi li '*After Pull and Bear's CCTV footage was analysed by pc355 and pc626..*' Filwaqt li PC355 C.Chircop fl-affidavit tieghu jiddikjara li '*Illi nhar 24 ta' Gunju 2018 ghall-habta ta' 12:00 hrs jien, flimkien ma Pc 626 elevajt filmat ta' CCTV footage minn gewwa l-istabiliment "Pull and Bear" sitwat fi Triq Santa Lucija, il-Belt Valletta.*' PC626. G. Benetti iddikjara fl-affidavit tieghu li '*..fl-24 ta' Gunju 2018 morna gewwa l-ahhar stabbiliment li kienet fih il-vittma, cioe l-'Pull and Bear' ghal aktar stharrig. Minn analizi li sar fuq il-'footage' tal-Pull and Bear giet osservata l-vittma..*' L-Ispettur Alfredo Mangion fis-seduta ta' nhar it-tletin (30) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) spjega li '*Minn stharrig li sar minn nahha tal- pulizija ngabru s-CCTVS minn gewwa l-isabbiliment Pull&Bear wara li d-derobata ndikat li giet misruqha minn gewwa l-imsemmi stabiliment...*'

[11] Is-sentenza appellata taqra 'Paul & Bear' mhux 'Pull & Bear' f'pagna 20 tas-sentenza u anke fit-tieni pagna.

Ghalhekk la darba l-prosekuzzjoni resqet il-prova dwar minn fejn ingabu l-filmati u minn min gie elevat, kien umbghad sta ghad-difiza li f'kaz li kellhom xi oggezzjoni dwar l-awtenticita' u l-validita' tieghu iressqu tali oggezzjoni u jitolbu l-hatra ta' espert. Il-fatt li ma giex appuntat espert biex jirrelata dwar il-filmati ma jfissirx li hemm nuqqas fil-prova mressqa mill-prosekuzzjoni. Dan jghodd ukoll ghal fatt li l-prosekuzzjoni ma ressqitx sid il-hanut biex jixhed. Ix-xhieda u d-dikjarazzjonijiet guramentatati tal-Pulizija huma provi sufficenti li jikkonfermaw li l-filmati huma dawk tal-hanut in kwistjoni Pull & Bear.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti ssottomettew li '*l-video ma ġiex ippreżentat biss sabiex merament jinwera "What was recorded". L-istqarrija ġuramentata tal-PC Benetti tikkontjeni numru ta' opinjonijiet tiegħu ta' dak li skond hu kien aġir kriminuż tal-imputati, jinterpreta x'kienu qegħdin jagħmlu dak il-ħin li rahom, jgħid li kienu qed josservaw il-vittma Sharon Bourne, meta hu il-Sharon Bourne qatt ma kien raha;*' L-appellanti jissottomettu wkoll li '*..interessanti li PC Benetti jtenni li waħda mill-imputati "setgħet kienet" u "possiilment biex tisraqha" u saħansitra "possibilment sserqitha" u dan għaliex is-serq qatt ma huwa evidenzjat minn imkien fuq il-video- mentri PC Chircop, li ra l-istess video, jgħid li hu jara lill-imputat Genoveva 'b'idejha fil-basket tal-vittma'. Din hija ħaġa ta' faċli kostatazzjoni. Id-difiża ezaminat il-video bir-reqqa. Ma jidhru qatt idejn l-imputati fil-basket tal-vittma, ma jidher qatt ortmoni jew oġġett ieħor ħiereġ minn ġo basket.*'

Illi filmati huma prova fihom infushom. Kwalunkwe intepretazzjoni maghmulha jew opinjonijiet moghtija minn xhieda li humiex esperti dwar dak li jinterpretaw fl-agir f'dak li jaraw fil-filmati huwa inammissibli u ghandu jigi skartat. Il-filmati jittiehdu bhala tali, ossia bhala dak li jidher minghajr ma l-Qorti tikkonsidra interpretazzjonijiet maghmulha mix-xhieda dwar il-filmat. Mod li wiehed jirrakonta dak li jidher ovju minn filmat u mod iehor li wiehed jinterpreta dak li wiehed jemmen li qieghed jigri go filmat. L-Ewwel Qorti rat il-filmat u waslet ghad-decizjoni

taghha abbazi ta' dak li hi kkunsidrat u mhux abbazi ta' dak li ufficjali tal-Pulizija interpretaw li kien qieghed jigri. PC626 G. Benetti fl-affidavit tieghu jikkumenta dwar il-filmat u juza frazijiet bhal '*Fis-14:26:36 giet osservata l-komplici taqbad flokk iswed li bilkemm tat-kasu, b'mod car li juri li dawn ma kinux qeghdin jaghmlu xirja izda pjan startegiku kif se jisirqu. Fis-14:26:39, It-tfajla tal-libsa r-roza tidher tmur wara l-vittma (Sharon Bourne) b'idejha l-lemija izzomm il-flokk abjad possibilment biex tghatti idejha u idha x-xellugija taghmel movimenti suspettuzi fil-vicinanzi estremi tal-vittma tant li meta l-vittma mxiet ftit, it-tfajla tal-libsa roza mxiet maghha..*', liema dikjarazzjonijiet huma interpretazzjonijiet ta' dak li ntwera fil-filmat li ma jistax jigi kkunsidrat.

L-Ewwel Qorti kkunsidrat li '*Illi l-Qorti ezaminat dana il-filmat bir-reqqa biex tara dan jistax jghinha fid-deliberazzjoni taghha biex tiddeciedi dan il-kaz.Il-filmat ma jhalliex dubju li m'humiex limputati fil-filmat u xkienu qeghdin iwettqu l-imputati.*' Ghalhekk jirrizulta li l-Ewwel Qorti ma bbazatx fuq dak li l-ufficjali tal-Pulizija interpretaw mill-filmat izda waslet ghad-decizjoni taghha abbazi ta' dak li kkonstatat hija stess mill-filmat.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti fl-appell taghhom jaghmlu referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Spettur Trevor Micallef Vs Moumen Troure'</u>[12]** fejn dik il-Qorti kienet ghamlet referenza ghal kaz fl-ismijiet 'Regina v Caldwell and Dixon'[13] fejn kien inghad:

*"When the identification/recognition of a suspect is made by a police officer as a result of previous dealings with that person, the identification is admissible - R v Caldwell and Dixon 1993 CLR 862. Much will depend on the circumstances of the recognition: if it is followed by an immediate arrest, there is no break in the chain from observation to arrest, but if the identifying officer does not immediately arrest the suspect, formal identification procedures should be followed to avoid the risk of the officer's recognition evidence being ruled inadmissible."*

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Ottubru, 2016 (Appell Nru: 513/2015)
[13] 1993 CLR862

Dik il-Qorti ossia fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Trevor Micallef Vs Moumen Troure'**[14] ikkunsidrat li:

'*Kwindi l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tistrieh fuq il-prova maghmula permezz tal-filmat tac-CCTV mhux biss ghaliex l-appellanti inghata kopja taghha u kellu kull okkazzjoni jezaminaha u iressaq il-provi li ried biex ixejjen dina l-evidenza, haga li baqa' ma ghamilx, izda ukoll ghaliex jintgharaf bhala l-istess persuna li jidher fuq dan il-filmat u ex admissis ighid illi kien hemm okkazzjoni f'Dicembru 2014 meta huwa mar jixtri fis-supermarket.*'

L-appellanti jissottomettu li la PC Benetti u lanqas PC Chircop ma qatt kienu raw lill-imputati appellanti qabel ma raw il-video, bhalma qatt ma kienu raw l-allegat vittma Sharon Bourne, jissottomettu li li kieku kienu rawhom qabel (sija imputati qua vittma) kienu jghiduh fix-xhieda ġuramentata tagħhom. L-appellanti jissottomettu li m'hemm ebda ammissjoni minn naha tal-imputati li xi persuni li jidhru fil-video huma huma, ghalhekk skont l-appellanti l-prova hija inammissibbli;

L-appellanti jissottomettu li huma la ammettew ghall-akkuzi u lanqas ma xehdu. Huma lanqas ma rrispondew il-maggorparti tad-domandi maghmuha waqt it-tehid tal-istqarrija. Jissottomettu li l-Pulizija Benetti u Chircop ma humiex xhieda idoneji stante li ma kellhom ebda relazzjoni maghhom qabel l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018), ma kienux arrestawhom u lanqas ma kellhom xi inkontru maghhom.

PC355 C. Chircop fl-affidavit tieghu jiddikjara li '*Dik il-gurnata stess, cioe' 24 ta' Gunju 2018 analizzajt l-istess CCTV Footage fejn f'Camera 1 filhin 14:0138hrs osservajt lill-Genoveva Stoilva (Bulgarian ID:64675794) u lil Ilieva Iiyana (Bulgarian ID: 644804117) dehlin..*' L-Ispettur Alfredo Mangion fis-seduta tat-tletin (30) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) mistoqsi in kontro-ezami '*Spettur tista*' *tinforma naqra wahda lill-Qorti*

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Ottubru, 2016 (Appell Nru: 513/2015)

*wara illi rajtu l-istills u wara li rajt il-video kif wasalt illi dawk illi jidhru, dawk iz-zewg tfajliet illi jidru fil-videos kienu Genoveva Stoilova Neli Ilievu Iliyana Ilieva please ?*' wiegeb '*Dawna tressqu minn Spetturi ohra fuq reati simili,meta qabilna r-ritratti wasalna ghall-identita li kienu l- istess zewg persuni.*'

Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti meta jissottomettu li kienet is-salesperson li setghet tidentifika jekk l-appellanti kienux fil-hanut. Certament li salesperson mhijiex mistennija li tiftakar kull persua li tkun dahlet fil-hanut. Minn-naha l-ohra, filmat hija prova fiha nnifisha ta' jekk effettivament l-appellanti kienux fil-hanut u jekk wettqux ir-reat addebitati bih. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni f'li ma ressqux lis-salesperson biex tixhed biex taghraf lill-appellanti u lill-vittma. Hawnhekk il-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellanti meta jaghtu x'jifhem li la darba la PC Benetti u lanqas PC Chircop ma raw lill-appellanti qabel ma raw il-filmat u li a minn naha l-ohra l-appellanti ma ammettewx li kienu huma fil-filmat ifisser li l-prova hija inammissibli. Dak li huwa mehtieg huwa li l-prosekuzzjoni tressaq provi minghajr dubju dettat mir-raguni li kienu l-appellanti li kkommettew ir-reat in kwistjoni.

L-Ewwel Qorti ikkunsidrat li '*Fil-kaz in dizamina ma tqum il-kwistoni dwar l-identifikazzjoni tal-persuna ta' l-akkuzati fil-filmat esebit (li d-difiza qeghda tikkontesta il-validita tieghu).*' Huwa minnu li l-appellanti ma xehdux u minn imkien ma jirrizulta li huma ammettew li kienu fil-hanut in kwistjoni. Biss pero' uhud mid-domandi maghmulha mill-Avukat difensur kienu jaghtu l-impressjoni li l-kontestazzjoni kienet dwar jekk mill-filmat jirrizultax is-serq mhux jekk l-appellanti jidhrux fil-filmat. Meta l-appellanti tressqu b'arrest fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju, tas-sena elfejn u tmintax (2018) quddiem il-Magistrat Dr Josette Demicoli, dik il-Qorti kienet staqsiet lill-Ispettur Priscilla Caruana Lee li kienet qieghda tixhed ghal fini ta' validita' tal-arrest '*U jidhru l-persuni li huma mressqa fis-CCTV?*', ix-xhud wiegbet '*L-imsemmija Imputati iva.*' L-Avukat difensur umbghad jissottometti '*Jidhru... imma ma jidhrux in konnessjoni mar-reat...*' In kontro-ezami ixxhud mistoqsija '*Mela meta qed tara l-footage inti, inti qed tarahom qed iwettqu reat?*' wiegbet '*Iva jidhru.*' u l-Avukat difensur spjega '*Le mhux jekk jidhrux, jien naf li jidhru, stajt nidher jien ukoll perezempju jekk dhalt*

*gol-hanut.*'. Ghalhekk ghalkemm l-appellanti ma xedhux, l-impressjoni li d-difiza tat permezz ta' uhud mid-domandi maghmulha minnha lill-Ispetturi ma kinitx li hemm kontestazzjoni dwar jekk il-persuni fost numru ta' persuni ohra li jidhru fil-filmat humiex l-appellanti izda jekk dak li jidher fil-filmat jevidenzjax li filfatt gie kommess ir-reat. In oltre, fir-rikors tal-appell f'xi waqtiet jirreferu ghaz-zewg tfajliet fil-filmat bhala '*l-imputati*', fosthom li '*Ma jidhru qatt idejn l-imputati fil-basket tal-vitttma, ma jidher att portmoni jew oġġett ieħor ħiereg minn ġo basket;*'

Madankollu, hija l-prosekuzzjoni li trid tiprova li l-persuni li kkommettew ir-reat kienu l-imputati filwaqt li l-imputati ma ghandhom bzonn jipprovaw xejn. Kien ghalhekk li l-Ewwel Qorti ezaminat il-filmati u waslet ghal konkluzjoni taghha ossia li z-zewg tfajliet indikati fil-filmati bhala suspettati huma l-appellanti. Filfatt l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha ikkunsidrat li '*l-Qorti ezaminat dana il-filmat bir-reqqa biex tara dan jistax jghina fid-deliberazzjni taghha biex tiddeciedi dan il-kaz. Il-filmat ma jhalliex dubju li m'humiex l-imputati fil-filmat u x'kienu qeghdin iwettqu l-imputati.*'

Kif gie ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Stephen Zammit'** [15]:

'*Il-Każ klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta'* ***Turnbull*** *(1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruħha hekk:*

*"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the*

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Lulju, 1998

*identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance?...*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger".;*[16]'(Emfazi mizjuda u referenzi kif citati tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Din il-Qorti terga taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Ramon Cassar) Vs Ruth Borda ta' 29 sena bint Carmel Borda u l-mejta Doris nee' Harmer, imwielda Pieta fit-18 ta' Marzu 1983, detentrici ta' karta ta'l-identita' Maltija bin- numru 190783(M) u residenti Volendam, Triq A. Calligari, Zabbar u Alan Cutajar ta' 35 sena iben Charles u Winifred nee' Willie, imwieled Pieta' fit-28 ta' Jannar 1997, detentur tal-karta ta'l-identita' Maltija bin-numru 125977(M) u residenti fil-fond numru Flat 16, Block 10, Entrance B, Triq il-Gilju, San Gwann'**[17] fejn dik il-Qorti kkunsidrat ukoll li:

'*Fil-kawza Taylor vs Chief Constable of Cheshire (1986), Ralph Gibson LJ ighid:*

*'Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability*

[16] ara Blackstone's Criminali Practice, 1991, paġna 1991; Archbold, 1997, paġna 1255-1256
[17] Deciza mil-Qorti tal-Magistrati (Mata) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminli nhar l-14 ta' Ottubru, 2013 (Numru: 36/2007)

*to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"*

*Illi il-Qorti kellha okkazzjoni tara l-footage tac-CCTV li gie esebit fl-atti. Illi ma hemmx dubbju illi n-nies li jidhru fil- filmat huma l-imputati. Illi fl-ebda parti mill-filmat ma jidhru l-imputati qed jiehdu il-lap top mertu tal-kawza. Jidhru l- imputati qed iduru fil-hanut, izda imbaghad f'hin minnhom jigi osservat illi fil-basket tal-karti tal-imputata Ruth Borda jidher xi haga sewda li mill-genb tieghu l-oggett jinxtiebah hafna ma' lap top. Inoltre huwa minnu illi fil-bidu tal-filmat fejn l-imputati jigu osservati dehlin gol-hanut il-basket tal- karti li ghandha f'idejha l-imputata Ruth Borda jidher vojt, imbaghad wara jidher mimli kif inghad. Illi ftit tal-hin wara l-impjegati josservaw il-lap top nieqes. Illi ma hemmx indikazzjoni fl-atti ghalhekk jekk kienx wiehed mill-imputati biss li ha dana il-lap top jew it-tnejn minnhom....'*

F'dik il-kawza[18], il-Qorti kienet hatret espert li wara li ghamel rikostruzzjoni tax-xena fuq il-post tar-reat ikkonkluda li n-nies li jidhru fil-filmat jixbhu hafna lil persuna tal-imputati. Il-Qorti sabet lill imputati hatja wara fost kunsiderazzjonijiet ohra kkunsidrat ukoll li:

*'Illi il-Qorti kellha okkazzjoni tara l-footage tac-CCTV li gie esebit fl-atti. Illi ma hemmx dubbju illi n-nies li jidhru fil- filmat huma l-imputati. Illi fl-ebda parti mill-filmat ma jidhru l-imputati qed jiehdu il-lap top mertu tal-kawza. Jidhru l- imputati qed iduru fil-hanut, izda imbaghad f'hin minnhom jigi osservat illi fil-basket tal-karti tal-imputata Ruth Borda jidher xi haga sewda li mill-genb tieghu l-oggett jinxtiebah hafna ma' lap top. Inoltre huwa minnu illi fil-bidu tal-filmat fejn l-imputati jigu osservati dehlin gol-hanut il-basket tal- karti li ghandha f'idejha l-imputata Ruth Borda jidher vojt, imbaghad wara jidher mimli kif inghad. Illi ftit tal-hin wara l-impjegati josservaw il-lap top nieqes. '*

Ikkunsidrat;

[18] Il-Pulizija (Spettur Ramon Cassar) Vs Ruth Borda ta' 29 sena bint Carmel Borda u l-mejta Doris nee' Harmer, imwielda Pieta fit-18 ta' Marzu 1983, detentrici ta' karta ta'l-identita' Maltija bin- numru 190783(M) u residenti Volendam, Triq A. Calligari, Zabbar u Alan Cutajar ta' 35 sena iben Charles u Winifred nee' Willie, imwieled Pieta' fit-28 ta' Jannar 1997, detentur tal-karta ta'l-identita' Maltija bin-numru 125977(M) u residenti fil-fond numru Flat 16, Block 10, Entrance B, Triq il-Gilju, San Gwann deciza mil-Qorti tal-Magistrati (Mata) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminli nhar l-14 ta' Ottubru, 2013 (Numru: 36/2007)

Fil-kaz tal-identifikazzjoni tal-imputati gewwa filmat, f'certu kazijiet jinhatru anke esperti sabiex jikkonstataw jekk il-persuna li tidher fil-filmat hijiex l-imputata jew imputati o meno u jistghu anke jinterpretaw dak li jkun jidher fil-filmat. Fl-ahhar mill-ahhar gudikant irid ikun konvint li dak li jidher fil-filmat iwettaq ir-reat ikun filfatt l-imputat u dan minghajr dubju dettat mir-raguni. Fil-kaz in ezami, il-fatt li PC355 C.Chircop u pc626 G. Benetti ma kienu qatt raw lil-imputati appellanti qabel ma raw il-filmati ma jfissirx li l-filmati mhumiex ammissibli. L-Ispettur Alfredo Mangion in kontro-ezami dwar kif waslu ghal li z-zewg tfajliet li jidhru fil-fimati kienu l-appellanti jispjega li '*Dawna tresqu minn petturi ohra fuq reati simili, meta qabbilna r-ritratti wsalna ghall- identita li kienu l-istess zewg persuni.*' Minkejja li ma ntalbitx il-hatra tal-espert *ai fini* ta' identifikazzjoni u minkejja li ma giex stabbilit jekk il-Pulizija li raw il-filmat kienux huma li gharfu lil-imputati abbazi ta' inkontri precedenti, dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-Ewwel Qorti seetghet hi stess tidentifika lill-appellanti mill-fimatt kif filfatt ghamlet.

Ikkunisdrat;

Stante li l-prova pincipali mressqa mill-prosekuzzjoni huwa l-filmat tant li lanqas ma nstabu l-oggetti misruqa li jistghu jaqdu lill-appellanti mar-reat, kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li mhux biss jaslu biex jiddentifikaw lill-imputti fil-filmat izda kellhom anke jidentifikaw lil vittma mill-filmat. Il-vittma hija mistennija li taghraf lillha nnifisha fil-filmat u dan tenut kont tal-fatt li jista' jkun hemm sitwazzjonif fejn minkejja li jkunu l-imputati fil-filmat, il-'vittma' ma tkunx il-kwerelanta u ghalhekk il-filmat ikun qieghed juru akkadut iehor u ghalhekk naturalment f'dak il-kaz l-akkuza ma tkunx tirrizulta.

L-akkuza in kwistjoni taqra '*Akkuzati talli fil-21 ta' Gunju 2018 ghall-habta tas-14:30hrs minn gewwa l-hanut Pull and Bear, il-Belt Valletta:*

*1. Ikkommettejtu serq ta' kartiera bi flus kontanti, diversi dokumenti u credit card mahruga mill-bank Barcley ghad-detriment ta' Sharon Boune u/ew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bhala serq semplici u dan bi ksur tal-Artikolu 283 tal-Kapiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.'*

L-akkuza tirrferi ghal kommissjoni ta' serq ghad-detriment tal-vittma '*Sharon Bourne u/jew persuni ohra*'. Ghalhekk jehtieg li l-kwerelanta Sharon Bourne tigi indentifikata bhala tali mill-filmat fejn skont l-akkuza s-serq kien ta' detriment ghaliha jew ghal persuni ohra. Din l-identifikazzjoni trid issir minnha stess, u fin-nuqqas, mill-ufficjal li hadet ir-rapport u li ghalhekk iltaqghet mal-kwerelanta.

Illi f'dan ir-rigward, l-appellanti jissottomettu li l-vittma ma dehritx fil-proceduri u ma xehditx. Jghidu li l-Pulizija huma tenuti li jaghmlu l-ahjar prova u dak bix-xhieda tal-vittma stess li tgharaf lilha inifisha fuq il-video. Filwaqt li huwa minnu li l-prosekuzzjoni hija mistennija li ggib l-ahjar prova, ma jfissirx li l-unika prova li tkun accettata ghal fini ta' identifikazzjoni tal-vittma hija x-xhieda tal-vittma innfiisha li tiddentifika lilha innifisha mill-filfatt.

Mill-atti jirrizulta li Wps250 Amanda Parascandalo Bunce hija l-ufficjal tal-Pulizija li hadet ir-rapport ta' Sharon Bourne. Wps250 Amanda Parascandalo Bunce xehdet permezz tal-affidavit, fejn hija iddeskriviet dak li d-derubata spjegatilha fejn insterqet u x'inserqililha flimkien ma' deskrizzjoni dettaljata ta' dak li kienet liebsa. Mill-affidavit ghalkemm hemm dikjarat li saret talba ghal CCTV mill-hanut in kwistjoni, ma jirrizultax li hija stess rat il-filmat tac-CCTV tant li aktar il-quddiem fl-istess affidavit taghha tiddikjara li '*Nhar it-28 ta' Gunju 2018 Pc355 infurmani li huma raw il-filmati u gew iddentifikati iz-zewg persuni li kienu serqu lil Sharon Bourne. Dawn il-persuni kienu certu Ilyaa Ilieva mill-Bulgarija, ID. Card: 644804117 u Genoveva Stoilova mill-Bulgarija, ID. Card: 64675794.*'

Skont l-affidavits prezentati, jirrizulta li kienu PC355 C.Chircop u PC626 G. Benetti li elevaw il-filmat ta' CCTV wara li saret talba ghal tali filmat. PC355 C. Chircop jiddikjara fl-affidavit tieghu li meta analizza il-footage osservaw lil Genoveva Stoilva u Lilieva LLiyana izda ma jghidx kif wasal ghal tali identifikazzjoni. PC626 G. Benetti jirreferi ghalihom bhala '*zewg nisa*' u l-vittma bhala '*Sharon Bourne*' pero lanqas ma jirrizulta mill-affidavit jekk dawn iz-zewg ufficjali li ezaminaw il-filmat kellhomx inkontru mal-appellanti qabel u lanqas ma jirrizulta jekk kellhomx involviment fit-tehid tar-rapport tad-derubata u allura jekk dawn kienux iltaqghu mal-kwerelanta personalment biex setghu jiddentifikawha mill-filmat. Minn-naha l-ohra, l-Ispettur Alfredo Mangion fix-xhieda tieghu tat-tletin (30) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) spjega li '*Kif ukoll minn stharrig li sar fuq l-istess filmati rrizulta li zewg (2) persuni li wara rrizultaw li kienu certa Genoveva stoilova Neli Ilieva u Iliyana Ilieva li dawn dheru javvicinaw lil vittma. Wahda mill-persuni li wara rrizulta li hija Genoveva poggiet flokk fuq idejha, ki qed jidher hawnhekk fir-ritratt numru 7 u resqet lejn il-vittma u tider qieghda tiehu l- portmoney minn gol-basket tad-derubata. Fir-ritratti mmarkati numru 5,6, u 7 tidher l-isess Genoveva li jiena qed naghraf hawnhekk prezenti fl-Awla b'idejha fil- basket.*' Hawnhekk ukoll ma jirrizultax mix-xhieda tal-Ispettur Alfredo Mangion jekk kienx iltaqa' mal-kwerelanta biex huwa setgha jidentifikaha mill-filmat.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) Vs Nicholas Vella'** [19]il-Qorti kkunsidrat li:

'*Mix-xhieda prodotti jirrizulta li fid-data msemmija kien insteraq handbag b'xi oggetti fih appartenenti lil certu Revital Benjamin fl-area tal-pool. Id-derubata ma xehditx f'dawn il-proceduri ghaliex lahqet telqet minn pajjizna, madankollu gie ezebit ir-rapport tal-akkadut li gie debitament konfermat bil-gurament mill-ufficjal li hejjieh. Oltre' dan, diversi xhieda xehdu li dan il-handbag kien insteraq tant li eventwalment instab fl-art. L-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri izda rrilaxxja stqarrija. Huwa cahad li kien huwa li seraq u l-versjoni moghtija minnu kienet li huwa kien fil-lukanda mal-familja tieghu u li ra wiehed*

[19] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' Jannar, 2016 (Kaz Numru: 796/2013)

*mill-pool boys li kien gharfu u li f'xi zmien kellu xi jghid mieghu u kien ghalhekk li telaq jigri biex ma jinqalax inkwiet. Id- difiza fit-trattazzjoni issottomettiet li ma ngabitx l-ahjar prova dwar il- valur u inkwantu ghal persuna li kkomettiet ir-reat ma ngabitx il- prova diretta li kien l-imputat – hekk per ezempju, ma ngabux il- persuna li ndikat lil Jason Scerri (pool boy) li kien hemm individwu li seraq u lanqas ingabu s-securities tal-lukanda Radisson li hadu lura lill-imputat mil-lukanda Radisson ghal-lukanda Corinthia.'*

Dik il-Qorti kkunsidrat ukoll li:

*'Illi din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-persuna li seraq il-handbag kien proprju l-imputat. Kuntrarjament ghal dak sottomess waqt it-trattazzjoni finali tezisti prova direttissima li tindika li kien proprju l-imputat li seraq il-handbag u dan billi John Saliba nnifsu jixhed li ra lill-imputat jigri bil- handbag f'idu. Inoltre' apparti dan, l-ispjegazzjoni moghtija mill- imputta fl-istqarrija rilaxxjata minnu u cioe' li huwa kien fil-lukanda ma' familtu u telaq jigri minhabba l-pool boy mhix wahda kredibbli. L-uniku raguni ghalfejn l-imputat telaq jigri kienet ghaliex huwa kien ghadu kif seraq il-handbag tat-turista billi poggih f'xugaman. Hekk kif kienu qeghdin jigru warajh, huwa telaq ix-xugaman u l-handbag. Infatti Luigi Saliba, manager, jixhed li turist mil-lukanda Marina Corinthia ghaddilhom ix-xugaman u l-basket billi l-imputat telaq kollox minn idejh huwa u jahrab.'*

Ikkunsidrat;

Wps250 Amanda Parascandalo Bunce li hadet ir-rapport iddikjarat bil-gurament fl-affidavit taghha li '*Is-Sinjura Bourne irraportat li bejn dawk il-hinijiet xi hadd kien serqilha l-port money taghha ta' lewn vjola li dan kien qieghed fil-hand bag taghha li kien fih il-licenzja tassewqan taghha (Ingliza), is-somma ta' €200, erba' credit cards u travel card.*' Hija tiddeskrivi dak li kienet libsa il-kwerelanta ossia' '*flokk ta' lewn blu u shorts ta' lewn blu skur li kellu xi dsinn ta' lewn blu car*', liema deskrizzjoni taqbel ma dak li l-allegata vittma hija liebsa fil-filmat fejn din il-Qorti tinnota li ghandha basket blu zghir li jissemma fir-rapport jew ta' lewn skur u basket kbir ta' lewn car (lewn newtrali beige

jew bajdani) qisu b'motif hamrani jew ikkulurit. WPS250 Amanda Parascandalo Bunce tixhed li '*Jien infurmajt lil Pc355 C. Chircop u lil Pc 626 G. Benetti li dawn ikunu dettaljati xoghol pajzana minhabba l-pick pocketing fejn min-naha taghhom gabru dawn il-filmati u komplew bl-investigazzjonijiet taghhom. Nhar it-28 ta' Gunju 2018 Pc 355 infurmani li huma raw il-fimati u gew iddentifikati iz-zewg persuni li kienu serqu lil Sharon Bourne.*' Ghalhekk mill-affidavit minn imkien ma jirrizulta li WPS250 Amanda Parascandalo Bunce rat il-filmat u identifikat lil kwerelanta. PC626 G. Benetti filwaqt li jiddikskirivi l-filmat jiddikara ukoll li '*Fil-21 ta' Gunju 2018 dahal rapport ta' 'pickpocketing' gewwa d-distrett tal-Belt Valletta (1/A/2397/2018). Il-vittma certa Sharon Bourne ta nazzjonalita Ingliza stqarret li kienet f'zewg stabbilimenti fl-istess data bejn 1400hrs-1445hrs li huma 'Accessorize' u 'Pull and Bear', fejn f'dan ta l-ahhar indunat li kelha l-portmony nieqes.*' Ghalkemm hu osserva l-vittma kienet liebsa flokk lewn blu u '*shorts*' blu skur, minn imkien ma jirrizulta li huwa kien prezenti waqt li ghamlet ir-rapport tal-vittma jew li ltaqa mal-vittma. L-Ewwel Qorti ikkunsidrat li '*it-turista Sharon Bourne irrapurtat lill-pulizija din is-serqa fil-21 ta' Gunju 2018, u li ghal liema rapport hemm ix-xhieda ta' WPC250 Amanda Parascandlo Bunce u PC626Benetti.*' Izda ma jirrizultax li PC626 Benetti kien prezenti waqt li ttiehed ir-rappot tant li WPS Amanda Parascandalo Bunce tghid li nfurmat lil Pc355 C.Chircop u lil Pc 626 G. Benetti. Minn-naha l-ohra PC355 C. Chircop xehed bl-affidavit limitatament dwar il-filmat elevat minnu u minn PC626 fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018).

Skont ir-rapport tal-Pulizija a fol 44 et seq immarkat bhala Dok AMX3 l-vittma kienet se titlaq minn Malta fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) filwaqt li mill-provi jirrizulta li l-filmat gie elevat mill-ufficjali tal-Pulizija fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018), minn imkien ma jirrizulta li l-vittma giet murija l-filmat u li identifikat lilha nnifisha. Nonostante l-fatt li d-deskrizzjoni dettaljata li l-ufficjal tal-Pulizija tat fl-affidavit taghha u fir-rapport, in-nuqqas tal-identifikazzjoni formali tal-vittma hija bhal holqa nieqsa minn katina ta' provi li l-prosekuzzjoni tehtieg li tipprova.

Ghalhekk jirrizulta li hemm nuqqas tal-*link of causation* bejn il-kwerelanta u l-persuna indikata mill-prosekuzzjoni bhala l-'vittma' li tidher fil-filmat.

L-Ewwel Qorti kkunsidrat li:

*'Illi fil-kaz in dizamina ma tqum il-kwistjoni dwar l-identifikazzjoni tal- persuna ta' l-akkuzati fil-filmat esebit (li d-difiza qeghda tikkontesta il- validita tieghu).*

*Il-prosekuzzjoni ppruvat minn fejn kisbu l-filmat, kisbuh minghand Paul & Bear*[20]*, u kienu ufficjali tal-pulizija stess li wara li raw il-filmat gharfu lill-imputati li ma kienux ucuh godda ghall-pulizija. PC355 Chircop u PC626 Benetti elevaw huma personalment il-filmat cctv minn gewwa l-istabiliment li jinsab fi Triq Santa Lucija l-Belt Valletta.*

*Illi l-Qorti ezaminat dana il-filmat bir-reqqa biex tara dan jistax jghinha fid-deliberazzjoni taghha biex tiddeciedi dan il-kaz. Il-filmat ma jhalliex dubju li m'humiex l-imputati fil-filmat u x'kienu qeghdin iwettqu l- imputati.'*

Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx in-nuqqas tal-identifikazzjoni tal-kwerelanta fil-filmat, izda erronjament aktar kmieni fis-sentenza indikat llil PC626 Benetti bhala wiehed mill-ufficjali xhieda tar-rapport.

L-appellanti jissottomettu li l-Pulizija huma tenuti li jaghmlu l-ahjar prova u dak bix-xhieda tal-vittma stess li tgharaf lilha nnifisha fil-filmat. L-appellanti jissottomettu wkoll li lanqas WPS Bunce li skond l-affidavit taghha hadet ir-rapport ta' Sharon Bourne ma xehdet f'dan is-sens. Din il-Qorti ghar-ragunijiet indikati fil-kunsiderazzjonijiet aktar il-fuq qieghda takkolja din is-sottomissjoni tal-appellanti mhux minhabba in-nuqqas tal-kwerelanta li tixhed u tiddentifika lilha nnifhsa fil-filmat izda ghax fin-nuqqas li l-kwerelanta stess titla' tixhed u tiddentifika lilha nnifisha fil-filmat, kellu jkun l-ufficjal tal-Pulizija li ha r-rapport u li ghalhekk ltaqa mal-kwerelanta, li tiddentifika lil kwerelanta mill-filmat. Il-fatt li ufficjali ohra setghu

[20] Is-sentenza appellata taqra 'Paul & Bear' mhux 'Pull & Bear' f'pagna 20 tas-sentenza u anke fit-tieni pagna.

facilment identifikaw lil kwerelanta skont dak deskritt fir-rapport tal-Pulizija mhijiex prova sufficenti fil-kamp penali.

Ghalhekk minghajr il-prova li l-persuna li tidher fil-filmat hija filfatt il-kwerelanta jkun inutli li l-Qorti tistabilixxi jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment tiddeciedi li kienu l-appellanti li jidhru fil-filmat u jekk il-filmat jurix it-twettieq tal-att kriminuz kif sabet l-Ewwel Qorti.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanti processwali ossia n-nuqqas tal-identifikazzjoni tal-kwerelanta fil-filmat, il-Qorti ma tistax hlief li tillibera l-appellanti mill-akkuza migjuba fil-konfront taghhom.

Stante li din il-Qorti qieghda tilqa' limitatament dan l-aggravju ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravji l-ohra tal-appellanti.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda ghar-ragunijiet ikkunsidrati, tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmintax (2018) kemm fil-htija u fil-piena u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur